SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 29a/KA2/17

14 ta' Ġunju 2017

Il-Kumitat Amministrattiv Paceville Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Albert Bonello Ghio – Ċermen
Michael La Rosa – Viċi-Ċermen
Joe Oliva – Membru
Maria Dolores Falzon – Membru
Richard Scicluna – Membru

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

Is-Sindku, s-Sur Guido Dalli talab li jiġi skużat għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

**Assenti:**

L-ebda Membru ma' kien assenti.

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Cassar - Skrivana

**Minuti**

Iċ-Ċermen, is-Sur Albert Bonello Ghio ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**29.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

29.01.01 Is-Sindku, s-Sur Guido Dalli talab li jiġi skużat għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

29.02.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 28/KA2/17 u Minuti 29/KA2/17 għall-approvazzjoni.

29.02.02 Il-Membru Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

29.02.03 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ssekondah.

29.02.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**29.03 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

29.03.01 Iċ-Ċermen nforma lill-Membri tal-Kumitat dwar korrispondenza li ser titressaq għal attenzjoni tagħhom. Din hi:

- Talba mingħand JZT Investments Company Ltd għal Un/Loading Bay fi Triq San Ġorġ. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li din it-talba tintbagħat lil-Transport Malta u jiġu nfurmati li l-Kumitat Amministrattiv Paceville ma jsibx oġġezzjoni dment li ssir bejn it-8.00am. sas-2.00p.m.

29.03.02 Il-Kumitat ġie nfurmat li fir-rigward il-*camera* fi Triq Paceville, l-Kumitat għadhom qed jistennew risposta mingħand il-Lombard Bank filwaqt li l-*footage* tal-camera fi Triq Ball ser jintbagħat lill-Pulizija sabiex jieħdu kull azzjoni neċessarja.

29.03.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li saret talba lill-Awtorità tat-Turiżmu sabiex jiġu ċċekkjati l-istabbilimenti ta' Paceville fir-rigward il-kolletturi tal-iskart tagħhom.

29.03.04 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li jintalab li rappreżentant tal-*Cleansing Services Directorate* jkunu preżenti għal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat Amministrattiv Paceville.

29.03.05 Il-Kumitat qabel unanimament li tintbagħat ittra lill-Pulizija peress li qed ikun hemm xi irġiel jagħtu fastidju lit-turisti fil-bajja tal-Merkanti (wara l-Hilton). Kopja tal-ittra u tar-risposta tal-Pulizija għandha tingħata lil-Membru Joe Oliva.

29.03.06 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li terġa tintbagħat ittra lill-Pulizija sabiex jieħdu kull azzjoni neċessarja sabiex jitneħħew is-*sandwich boards* li jinsabu fi Triq San Ġorġ kantuniera ma' Triq Ross. Kopja ta' din il-korrispondenza għandha tingħata lill-Membru Joe Oliva.

**29.04 Proposti għall-Proġett f'Paceville**

29.04.01 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Membri tal-Kumitat Amministrattiv dwar il-flus tal-*Commuted Parking Payment Scheme* u tal-*Urban Improvement Fund.*

29.04.02 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li din l-*item* jerġa jitressaq għal-attenzjoni tal-Kumitat waqt il-laqgħa li jmiss.

**29.05 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2017**

29.05.01 Il-Kumitat Amministrattiv ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Marzu 2017 (ara Appendiċi 'A')

29.05.02 Wara diskussjoni qasira, il-Membru Joe Olvia ppropona l-approvazzjoni tiegħu.

29.05.03 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

29.05.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

29.05.05 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa telaq fil-5.00p.m.

**29.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

29.06.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. P502 sa nru. P511 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B')

29.06.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

29.06.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu

29.06.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**29.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

29.07.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ċ').

29.07.02 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabbiltà' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalità tax-xogħol.

29.07.03 Iċ-Ċermen ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

29.07.04 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

29.07.05 Il-pagamenti ġew approvati.

**29.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

29.8.01 Il-laqgħa ntemmet fil-5.15p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 13 ta' Lulju 2017 fl-4.00p.m.

Konfermati, illum il-Ħamis 13 ta' Lulju 2017.

| | |
|---|---|
| **Albert Bonello Ghio**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |